DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2248
tal-14 ta' Novembru 2022
li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Repubblika tal-Litwanja,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sur Rimantas ŠADŽIUS skada fil-15 ta' Ġunju 2022.

(2) Għalhekk jenħtieġ li jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Laima Liucija ANDRIKIENĖ hija b'dan maħtura membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perjodu mis-16 ta' Novembru 2022 sal-15 ta' Novembru 2028.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).